KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM
GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

Minuti tat-tmienja u tletin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar it-Hamis, 7 t'April, 2011, fis-3.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sinj Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |

1. Talba – Wara li s-Sindku qal talba, ta bidu ghal-laqgha.

2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

3. Korrispondenza u kommunikazzjonijiet mis-Sindku

   - Is-sindku informa lil-prezenti li l-madam ta' l-Iskola Primarja Anton Cassar apprezzat ferm l-attendenza tal-kunsill ghall-prize day tat-tfal.

   - Is-Sindku spjega kien ircieva telefonata mis-sinjura Rita Cutajar, li hija direttur fil-Ministeru ghal-Ghawdex fuq progetti mill-fondi ta' l-UE. Il-hsieb tal-Ministeru huwa li jorganizzaw tlett siti ta' *country walks* f'Ghawdex, li ser ikunu f'Ghajnsielem, f'San Lawrenz u fil-Qala. Huma talbu parir mis-Sindku ta' fejn jistghu iwahhlu tabelli t'informazzjoni, u x' jista jkun hemm miktub fuq dawn it-tabelli. Is-Sur Reno Grech, li huwa l-Project leader f'dan il-progett baghat *e-mail* lill-Kunsill fejn talab ghal kull support u ghajnuna tal-Kunsill rigward it-tfassil tal-din il-pjanta ghal-*country* walk. Il-Kunsill qabel li ma jsib l-ebda oggezzjoni ghal-dawn il-*country* walks u li jaghti s-support kollu li hemm bzonn.

   - Korrispondenza mill-MEPA – tahrika lil-Enemalta rigward trinka li ghamlet il-kumpanija fil-blat minghajr permezz fuq Kemuna.

   - Ittra min Father Joe Bezzina f'isem l-arkivji nazzjonali, fejn tghid li b'tifkira tal-50 sena mit-twaqqif tal-Kunsill Civiku t'Ghawdex qeghdin jippjanaw li johorgu set ta' kartolini bl-armi tal-irhula kollha t'Ghawdex u sett kartolini ta' Kemmuna. Hu qal ukoll li Kemmuna m'ghandiex arma u kien ser jibghat disinn t'arma b' konnessjoni ma din il-gzira ghal approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-prezz ta' dawn il-kartolini

huwa ta' €65 ghal kull rahal. Is-Sindku kompla jghid li peress li Kemmuna taghmel parti minn Ghajnsielem, ikun ahjar li l-Kunsill t' Ghajnsielem jordna is-sett ta' kartolini ta' din il-gzira wkoll, jigiefieri €65 ohra. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku qal li ser jinghata set kartolini b'xejn lil kull kunsillier u 150 kartolina ohra ta' Kemmuna. L-iskop huwa li tittellgha esebizzjoni b'dawn il-kartolini fejn huwa mahsub li tinfetah mil-Prim Ministru nhar is-Sibt 9 ta' Lulju, 2011.

- Zjara lir-residenti ta' Kemmuna – is-Sindku fakkar li peress li l-Kunsill ilu ma jaghmel zjara ufficcjali lir-residenti ta' Kemmuna kien ikun xieraq li ghal zmien il-Ghid jew fiz-zmien qarib jaghmlu zjara lill dawn ir-residenti u jinghataw xi haga ta' tifkira. Il-prezenti qablu ma din il-proposta.

4. Ta' Passi u l-Ghajn tal-Hasselin

Is-Sindku ta' rendikont ta' x'gara s'issa fuq ir-*recreational park* Ta' Passi. Il-Kunsill issotometta l-applikazzjoni u kull ma kien ircieva mil-MEPA kien Ack No. biss. Is-Sindku kompla li kien ghadu kemm harget *call for application - measure 313*, li jiffoka fuq zoni ta' rikreazzjoni. Is-Sindku kompla jghid kif il-Kunsill kien qabel li japplika taht Eco Gozo fuq Ta' Passi u jinghata €70,000 jekk il-progett ikun lest sa l-ahhar ta' Novembru 2011. Is-Sindku kompla jghid li kien qed jidher car li kwazi hu impossibli li nlahhqu sa din id-data peress li dan kien jirrikjedi permess tal-MEPA. Barra mill-permess, ikun ghadhom iridu jinhargu t-tenders u jsir ix-xoghol. Is-Sindku qal li kien ikun ahjar li nabbandunaw dan il-progett ta' EKO Ghawdex u napplikaw fuq l-applikazzjoni Measure 313 fejn mhux biss issir l-applikazzjoni ghal-*recreational park* f'Ta Passi, izda jsir zvilupp ta' parti tal-Wied ta' l-Imgarr u fil-Playing Field Amabile Cauchi. Il-prezenti qablu ma din il-proposta li nohorgu mil-progett ta' ECO Ghawdex u nidhlu ghal-progett tal-Measure 313.

Is-Sindku kompla jghid li huwa rnexxilu jakkwista hafna pjanti ta' kif kienet l-Ghajn tal-Hasselin. Il-Kunsill ser isaqsi lil-MEUSAC jekk ir-rikonstuzzjoni ta' din l-Ghajn hix elegibli wkoll ghal-dan il-programm tal-Measure 313. Is-Sindku kompla jghid kif mill-informazzjoni li gabar, jidher li kien hemm hawt taz-zonqor ma gemb din l-Ghajn u jidher li dan ghadu mirdum taht it-triq ta' quddiem id-dar tas-sur Spiro Cauchi. Is-Sindku qal ukoll li kien mar ukoll il-Muzew tal-Arkeologija fic-Cittadella, ghax kellu informazzjoni li l-arma tal-Granmastru Perellos li kienet imwahhla fil-faccata tal-Ghajn tal-Hasselin kienet giet merfugha hemm. Fil-Muzew kien hemm arma li mill-muzew ma kienux jafu xejn fuqha u min fejn inqalet. Din l-arma kienet tal-Granmastru Wignacourt li d-disinn taghha jixbah hafna lill tal-Granmastru Ramon Perellos. Is-Sindku staqsa parir lil Fr. Joe Bezzina fuq din is-sitwazzjoni, fejn dan qallu li setgha gara il-kaz li l-Ghajn inbdiet mill-Granmastru Wignacourt izda miet qabel tlestiet, u tkompliet mill-Granmastru Perellos li lahaq ftit granet warajh. B'sinjal ta' rispett, l-arma fuq l-Ghajn saret tal-Granmastru Wignacourt. Is-Sindku

qabbad lis-segretarju ezekuttiv biex torganizza laqgha mac-Chairman ta' Heritage Malta, is-Sur Said biex naraw hux possibli li l-Kunsill jakwista dik l-arma

5. Pjazza Madonna ta' Loreto

Is-Sindku ta rendikont tal-laqgha li l-Kunsill kellu mal-Ministru ghal-Ghawdex fuq il-pjazza. Il-Kunsill ghamel diskussjoni fuq din il-laqgha, fejn kullhadd qabel fuq kull ma ppropona l-perit fuq l-ahhar pjanta li ssottometta kif ukoll dwar is-suggerimenti li ghamel ir-rapprezentant ta' l-Agrikultura, s-Sur Bonello rigward is-sigar. Is-Sindku qal li l-Ministru kienet ser tibghat ghal l-Arcipriet sabiex jara jaqbilx ma dawn il-proposti tal-perit u r-raprezentant ta' l-Agrikultura u wara tinforma lill-Kunsllill dwar l-andament ta' din il-laghqa.

6. Mozzjoni mis-Sur Larry Buttigieg

Issugerixxa li jsir bozza fit-tarf Triq il-Fugazz. Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lill-Enginiera ta' l-Enemalta biex taghmel stima ta' din il-bozza peress li ried jitwahhal arblu jew inkella tehel mal- bini li hemm qrib.

7. *Wires* quddiem ic-Centru Civiku

Peress li wahda mil-kondizzjonijiet tal-permess tal-MEPA tac-Centru Civiku kienet tghid li ghandhom jitnehhew l-arbli u l-wires li ghaddejjin minn quddiem ic-Centru Civiku u jsir gandott ta' metru kwadru b'metru fond, il-Kunsill sejjah lill-enginiera ta' l-Enemalta ghall-laqgha fuq il- post. Hi giet mgharfa li minn quddiem dan ic-centru kien diga ghaddej gandott li kien jintuza ghall-ilma tax-xita li kien jigi minn Triq l-Mgarr. Peress li dan il-gandott m'ghadux jintuza, l-enginiera accettat li jintuza dan il-gandott u b'hekk il-Kunsill kien ser jiffranka nofs l-ispejjez. Hi talbet biex isir gandott mill-kanturniera fejn ic-centru civiku sal-kazin tal-Football li jinfed ghal-gandott ezistenti. Gie deciz li dan il-gandott isir taht il-bankina u l-kunsill ser jiehu hsieb li li jaghmel il-permess tat-trenching.

8. *E-tfal u Learn it Courses*

Il-Kunsill approva li jsiru dawn il-korsijiet basta fir-rahal t'Ghajnsielem. Il-Kunsill qabbad lis-Segretarju Ezekuttiv biex ticcekja fl-iskola Primarja jew l-iskola ta' l-arti jekk ghandhomx post fejn jista jsir dan il-kors, jew jekk hux qed joffru xi tip ta korsijiet huma.

9. Grupp minn Tolfa

Is-Sindku fakkar lil prezenti li mit-3 sas 6 ta' Mejju ser jaslu grupp ta' pulizija minn Tolfa. Dawn ser itellghu konferenza flimkien ma xi membru tal-korp tal-Pulizija minn Malta u Ghawdex fejn ser issir diskussjoni fuq il problemi u diffikultajiet li jezistu prezentament fis-sistema tal-gustizja u infurzar f'Malta u l-Italja. Dan is-seminar ser isir fil-Grand Hotel. Peress li s-Sindku kien ser ikun imsiefer ma grupp ta-nies minn Ghajnsielem flimkien ma grupp ta' nies mil-Gharb gewwa Erchie, l-Italja, hu ssuggerixxa sabiex il-Vici Sindku, s-sur Stephen Mercieca, jmexxi u jiehu hsieb dak kollu li jkun hemm bzonn f'dan is-seminar fl-assenza tieghu. Il-prezenti qablu ma dan.

10. Laqgha organizzata mill-ufficcju tal-Kultura

Fis-sena 2018, Malta ser tkun il-Belt Kapital Ewropea. Gie deciz li sabiex din l-attivita tkun success, minn din is-sena stess sad-data ta' 2018 ghandhom jibdew jigu organizzati attivitajiet f'kull rahal f'Ghawdex u l-attivitajiet kollha li soltu jittellghu mil-Kultura matul is-sena jibdew isiru f'dak ir-rahal li jkun ser itellgha din l-attivita fejn l-ispejjez jithallsu mill-Kultura. L-ufficcju tal-Kultura kien qed jitlob biss il-kooperazzjini tal-Kunsilli Lokali. Mill-ufficcju tal-Kultura talbu lill-Kunsill sabiex jaghtu ismijiet ta' zewg persuni minn kull lokalita sabiex dawn ikunu jistghu jiehdu tahrig fuq l-organizzajoni ta' l-attivitajiet kulturali u dawn l-avveniment specjali. Il-Kunsill issugerixxa lis-Sur Joseph Scicluna u Franco Ciangura peress li huma li jorganizzaw attiviatjiet kulturali fir-rahal. Is-sur Larry Buttigieg ukoll wera l-interess tieghu. Huwa ghandu jiccekkja fuq dan il-kors u jgharraf lis-Segretarju Ezekuttiv.

11. Kwotazzjoni ta' l-artist Vince Farrugia

Il-Kunsill approva kwotazzjoni ta' pittura ghall-ufficcju tal-kunsill il-gdid. Din hi ta' €930 (bil-VAT).

12. Gozo Civic Council

Il-Kunsill ircieva stendina ghall-okkazzjoni tal-50 sena mit-twaqqif tal-*Gozo Civic Council*. Din ser tkun nhar il-Hamis, 14 t'April fl-10.00 am. Is-Sindku, is-segretarju ezekuttiv u s-Sur Peter Caruana ser jattendu.

13. Laptop ghall-uzu ta' l-ufficcju

Is-segretarju ezekuttiv stqarret id-diffikulta li qed issib biex iggor il-laptop li tuza hija prezentament ghal-konferenzi, laqghat, etc u talbet li l-kunsill jinvesti f'laptop aktar portabbli fejn l-administrazzjoni tal-kunsill tkun tista tuza lilu. Hija fhemet lil prezenti li l-Go

ghandhom offerta ta' laptop u *internet key* ghal €60 fix-xahar ghal- tlett snin. Hija tal-opinjoni li jaqbel aktar lil kunsill li jhallas fix-xahar, milli johrog ammont kollu f'daqqa. Il-prezenti qablu ma dan.

14. Materji ohra

Stepehen Mercieca

- Bozza gdida fit-Triq il-Gnien, kantuniera mat-Triq Bahhara - approvata
- Rampa fi-bankina ta' Triq Chambrai, qrib il-kazin tal-Banda jew *football* – approva li ssir
- Issugerixxa li l-Kunsill jdahhal student bl-iskema ta' l-ETC – is-Segretarju Ezekuttiv informat lil prezenti li hadd ma saqsiha fuq din l-iskema, u anke kieku mhix ser tapprova li jidhol xi hadd gdid ghal-tlett xhur biss, peress li x-xoghol klerikali sar wisq ikkumplikat. Hija kompliet tghid li dan is-sajf irid isir t-transferiment ghal-ufficcju l-gdid u ma tafx ezatt kif ser tkun is-sitwazzjoni.

Peter Caruana

- Fit-Triq Chambrai hemm trailer ipparkjat specjalment fil-weekend - issir talba lil-Transport Malta biex tehel it-tabella 'no parking for heavy vehicles'
- Issugerixxa li l-Kunsill jorganizza kompetizzjoni ta' l-isbah pjanta – il-Kunsill qabel li din ghandha issir fil-futur

Larry Buttigieg

- Hemm drenagg fuq parti-tal-blat tax-xatt l-ahmar – il-Kunsill qabel li jgharraf lid-Dipartiment tad-Drenagg biex jitnaddaf bil-bowser tieghu.
- Jerga jinkesa bil-konkos il-platform tax-Xatt l-ahmar – il-Kunsill qable li jsir dan.
- Mera fit-Triq Cordina – is-Sindku spjega li kien kellem lit-tifel tas-sid il-farm u huwa cahad li giet imkisra minnhom. Il-Kunsill qabel li tehel mal-hajt fejn kienet pero ftit il-fuq.
- Staqsa fuq il-gandott fil-bankina tat-Triq Cordina – is-Sindku wiegeb li l-gandott fuq l-bankina ser jinqata mill-istess kuntrattur li kien ser jaghmel il-*culvert* quddiem ic-Centru Civiku.

- Il-Fontana fil-pjazza 10 ta' Dicembru m'hix tahdem. Huwa issugerixxa wkoll possibilita li din issir b'effett tad-dwal. Il-Kunsill approva li jgib stima biex titranga din il-fontana u ssir bl-effetti tad-dwal.

- Triq l-Imgarr kien hemm accident tat-traffiku iehor – il-Kunsill qabel li nigbdu aktar l-attenzjoni tal-Ministru Austin Gatt.

- Gnien JP2 li jinsab taht Chambray - qed ikun hemm hafna hmieg, u jsiru BBQ's bil-possibilita li jista jkun hemm accident li jaqbdu is-sigar. Il-Kunsill qabel li niktbu lil-pulizija biex ikun hemm aktar solveljanza matul il-lejl f'dan il-post.

- L-istat ta' Triq Cordina – il-Kunsill qabel li l-parti tat-triq fejn twessghet bil-bini ghanda tigi moghtija t-tarmac meta jsiru t-toroq ta' Pjazza Madonna ta' Loreto u parti minn Triq l-Gnien.

Joe Camilleri

- Ghajn tal-Hasselin – issugerixxa li jinhargu t-tenders – is Sindku spjega li dan ma jistax jsir peress li ghadna ma nafux il-kundizzjonijiet tal-MEPA. Meta johrog il-permess jistghu johorgu

- Zvilupp fuq ir-rampa tal-Belvedere – is-Sindku wiegeb li hemm kaz il-qorti fuq dan il-kaz bejn id-Dipartiment ta' l-Artijiet u s-sid tal-Grand Hotel u ghalhekk din ma tistax issir ghalissa. Is-Sindku kompla li jghid li xorta ghandna tintbaghat e-mail lil-Dr. Jason Azzopardi li huwa s-Segretarju Parlamentari inkarigat mid-Dipartiment tal-Lands sabiex jintervjeni sabiex issir din ir-rampa qabel.

- Zvilupp fuq Triq Lourdes – is-Sindku wiegeb li x-xoghol kien waqaf ghal ftit ghax inqalghu xi kumplikazzjonijiet minhabba l-main ta' l-ilma. Issa x-xoghol reggha tkompla bit-tqieghed tal-main u wara jibda jinghata t-tarmac.

- Staqsa jekk hemmx xi risposta minn ghand id-Dipartiment tal-ismijiet tat-Toroq rigward Sqaq Balliju – is-Segretarju rrispondiet li kien ghad m'hemmx risposta.

- Huwa mar jara l-qsari f'iskola tal-arti fuq parir tas-Sindku u spjega li ser johduhom il-Patrijiet.

- Stqarr li l-isem tat-Triq Patri Cesal hi approvata mill-ismijiet tat-Toroq – staqsa ghaliex din ghadha ma saritx. Il-Kunsill qabel li nordnaw tabella b'dan l-isem.

- Informa lil prezenti li l-istrike ta' l-Enemalta spicca biex ninformawhom jghaddu d-dawl fir-riflettur tal-Port tal-Imgarr.

- Issugerixxa li ssir Festa frawli f'Ghajnsielem – il-Kunsill qabel li niktbu ittra lill-Kunsill tal-Imgarr Malta b'dan is-suggeriment.

Il-laqgha ntemmet fit-7pm. Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill nhar il-Hamis, 12 ta' Mejju, fil-5.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. Gsm 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt